Minuti tat-22 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 14 ta' Mejju, 2014. Il-laqgha nbdiet hin 3.40pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Shirley-Anne Cecchini |

**Ufficjali:**

Deputat Segretarju Ezekuttiv — Emily Amatulli Depasquale

Lisa Marie Brooke kienet infurmat li ma' setghetx tattendi u ghalhekk kienet qeghda tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tad-19 u 20 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala document korrett.

**2.0 Infiorata 2014**

2.1 Saret diskussjoni dwar l-Infiorata li tigi organizzata matul il-festa. Is-Sindku spjega li d-dizinn li qed jigi ippreparat minn Michael Bajada ser jghaddih lil Kunsill iktar tard waqt l-istess laqgha sabiex jigi approvat mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu imgedda ghal sena ohra il-kuntratti tas-sena l-ohra fejn id-dizinn u tqeghin ta' fjuri isiru mill-Kumitat tal-Festa filwaqt li l-fjuri jigu ordnati minghand Agriproducts Ltd.

**3.0 Mozzjoni - Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv**

3.1 Is-Sindku ressaq ghad-diskussjoni r-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghal Segretajru Ezekuttiv gdid. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazjonijiet tal-board li l-post vakant ta' Segretajru Ezekuttiv ghandu jinghata lis-Sinjura Emily Amatulli Depasquale.

**4.0 Aggornament dwar Xogholijiet u Progetti**

4.1 Fir-rigward tal-progett M323 is-Sindku spjega li bhalissa kien ghaddej ix-xoghol fuq il-kampnar tal-Knisja u ser jibda' jitwahhal id-dawl tal-faccata. Saret diskussjoni dwar dan l-imsemmi progett fejn il-Kunsill qabel li minhabba li l-progett jaghlaq fl-ahhar ta' Gunju mhux ser ikun hemm zmien li jinbeda xoghol fuq it-tieni kampanar u huwa ghalhekk li ssugerixxa li tinhareg offerta' ghal zebgha tal-Koppla u dawl taghha kif ukoll ghall-bollards tal-Pjazza. Sadanittant il-Perit kien qieghed jahdem biex jara x'savings hemm mill-kampnar. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.2 Gie spjegat li l-paviment tas-Shelter wasal minn barra u huwa imminenti li jinbeda x-xoghol ta' twahhil.

4.3 Il-bollavastri taz-zuntier tal-Knisja gew immarkati sabiex jinbidlu. Fir-rigward tat-tieqa tal-faccata tal-Knisja il-MEPA tat l-approvazzjoni taghha pero' irid ikun kulur naturali ta' l-injam.

4.4 Is-Sindku spjega ukoll li t-tondi ta' fuq il-Knisja iddetorjaraw hafna u hemm bzonn li jinbidlu pero' dawn jiswew hafna flus.

4.5 Fir-rigward tal-Football Ground is-Sindku spjega li l-offerta' sabiex isiru bit-turf inharget mill-GFA u ser taghlaq f'zmien qassir. ghada. Wara li jintghazel il-kuntrattur li ser ikun qed jaghmel ix-xoghol ser issir laqgha mieghu sabiex tigi diskussa l-*jogging track.* Il-mira hija li sal-bidu ta' l-istagun tal-football li jmiss il-ground ta' l-Gharb Perit Wigi Portelli ikun iffinalizzat bit-turf.

4.6 Is-Sindku spjega li kif kien sar qbil waqt laqgha tal-Kunsill, l-Gharb Rangers F.C. kienu qeghdin jiehu hsieb il-Playing Field, Leisure Park u Sports Complex bi prova sa x'hin tinhareg offerta'. Huwa qal li kellu laqgha ma' l-Gharb Rangers F.C. fejn minhabba li mhux qed ilahhqu, dawn ser ikunu qed jiehdu hsieb l-isports complex filwaqt li l-haddiem tal-Kunsill Raymond Rotin u l-haddiema l-ohra ser jiehu hsieb li inaddaf il-Leisure Park u l-Playing Field. Dik ir-remunerazzjoni li kienet tinghata ghandha tieqaf ukoll.

4.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill li gew assenjati zewg haddiema godda taht l-iskema tal-ETC tat-tindif mill-Ministeru ghal Ghawdex li kienu Elizabeth Rotin li qeghda tiehu hsieb it-tindif ta' l-ufficju kif ukoll taghmel xoghol fir-reception u Giovann Camenzuli li qieghed jaghmel xoghol fuq barra minflok Leli Saliba peress li dan ta' l-ahhar kien informa lill-Kunsill li mhux ser jibqa' iwettaq xoghol ta' Handyman. Ix-xogholijiet assenjati lil Giovann huwa dawk li kien ser iwettaq Emanuel Saliba.

4.8 Is-Sindku spjega ukoll li saret laqgha ma' Lorry Apap fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex fir-rigward tax-xogholijiet li qed isiru fi Triq Frangisk Portelli fejn saret diskussjoni ukoll dwar l-immanigjar tat-traffiku li ser ikun qieghed jghaddi minn bypass minn gewwa raba' privati ghal Triq Karmni Grima u barra ghal Triq il-Knisja. Waqt din l-istess laqgha kien sar qbil li l-Ministeru ser ikun qieghed iwettaq ix-xogholijiet ta' manutenzjoni fuq it-toroq li intuzaw gewwa l-lokalita' sabiex saret u qeghda issir Triq Frangisk Portelli u Triq San Lawrenz.

4.00 Wasla ta' l-Isqof Mons. Mario Grech bhala parti mill-Vista Pastorali tieghu gewwa r-rahal ta' l-Gharb. Saret zjara ta' kortesija fl-okkazjoni tal-visita pastorali fir-rahal tal-Gharb gewwa l-Kunsill fejn zar l-ufficini tal-Kunsill u wara saret laqgha mieghu fejn gew diskussi diversi temi.

5.00 Kontinwazzjoni tal-laqgha

4.9 Is-Sindku kompla jispjega li huwa kien issugerixxa lid-Direttur tax-xogholijiet f' hdan Ministeru ghal Ghawdex li kien hemm triq ippjanata mill-MEPA li tghaddi minn fejn il-ground tal-football Perit Wigi Portelli pero' kien diga sar il-qbil u l-

arrangamenti sabiex jghaddu mill-privat. Dwar dan il-Kunsill ma kienx konsultat qabel.

Waqt din l-istess laqgha l-Kunsill gie infurmat li x-xoghol ser jieqaf sa fejn is-substation ta' Triq Frangisk Portelli u wara irid jigi identifikat minn fejn jistghu jinkisbu fondi nazzjonali sabiex titkompla t-triq pero' safrattant ser isir xoghol ta' manutenzjoni ta' Triq Frangisk Portelli.

4.10 Saret diskussjoni dwar ix-xoghol ta' patching li kellu jsir mill-Water Services Corporation fejn is-Sindku spjega li kellu korrispondenza mall-Water Services Corporation fejn dawn infurmaw lill-Kunsill li dik is-sistema m'ghadiex fis-sehh. Sar qbil sabiex isir meeting fuq il-post fejn jigu identifikati l-postijiet kollha fejn irid isir patching u l-Water Services Corporation taghmel ix-xoghol min-naha taghha.

4.11 Fir-rigward ta' l-Eco Cab u l-Eco Van is-Sindku spjega li huwa kien iltaqa' ma' Gabriella Cassola pero' dawk li jiswew €10,000.00 kienu vetturi zghar hafna li jghabbu tnejn min-nies biss u il-passigier ta' wara ikun ihares lura. Huwa qal li s-Sinjura Cassola kienet qeghda tara ftit l-offerta' u spjegat li l-karozza Nissan kienet wahda ta' ghamla tajba. Hija qalet ukoll li jekk il-batterija ittik 10 snin tkun ferm tajjeb u zgur tkun ahjar milli kienu wahda tahdem bil-petrol. Il-Kunsill ser ikun qieghed ukoll jistaqsi dwar l-*after services* li f'dan il-kaz huwa ferm important. Is-Sindku spjega ukoll li l-beneficcju li qieghed jaghti l-Gvern ghal dawn il-vetturi japplika biss ghall-privat u mhux ghas-settur pubbliku bhal ma' huma l-Kunsill.

4.12 Offerta' M125 is-Sindku spjega li gew sottomessi zewg offerti li t-tnejn qeghdin iktar minn €30,000.00. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jinghtaw lil Perit u l-irhas wahda li hija ta' Peter Paul Said tintalab jekk hux lest li jinzel mall-budget tal-Kunsill li huwa ta' €30,000.00 u jekk le jitnaqsu il-kwantitajiet mill-Perit wara li isir qisien mill-gdid tat-trejqa. Emanuel Muscat staqsa ukoll dwar board ta' evalwazzjoni pero' gie spjegat li peress li l-ammont mhux wiehed kbir tista' tigi deciza mill-Kunsill fuq parir tal-Perit tal-Kunsill.

**5.0 Korrispondenza u materji ohra**

5.1 Giet trattata kwotazzjoni tal-Membrane fejn is-Sindku spjega li intalbu kwotazzjonijiet sabiex isir membrane gdid fuq is-saqaf tal-Kunsill pero' ghadu irid jigi identifikat jekk hemmx fondi mehtiega biex ikun jista' jsir ix-xoghol u fil-kaz tkun trid tinhareg kwotazzjoni.

5.2 Korrispondenza minghand il-Familja Debrincat ta' 'Lavinja', Triq Trux mibghuta bil-Qorti permezz ta' l-avukat Dr. Joshua Grech fejn dawn qeghdin jilmentaw li meta saret Triq Trux 'il parti t'isfel it-triq giet taqleb ghal fuq taghhom. Gie spjegat li l-Perit qal li l-livelli baqghu l-istess u din il-korrispondenza giet risposta mill-avukat Dr. Damian Bigeni u giet ipprezentata l-Qorti illum.

5.3 Il-membri inghataw kopja tal-Management Letter u gew infurmati li l-Accountant Johanna Caruana qeghda tipprepara r-risposta taghha.

5.4 Korrispondenza minghand ic-Centru Parrokkjali l-Gharb fejn dawn kienu qed jitolbu lill-Kunsill fl-organizazzjoni tas-Summer Club permezz ta' €600.00 li iktar tard

ziedu maghha €200.00 ohra. Is-Sindku issugerixxa jekk kienx il-kaz li jsiru korsijiet permezz ta' TCTC ghat-tfal liema korsijiet ikunu jistghu jigu miftuha ukoll ghall-pubbliku adult. Emanuel Muscat qal li fl-opinjoni tieghu t-tfal li jkun illhom sena jistudjaw ma jkunx iridu aktar studju imma jippreferu crafts u affarijiet simili. Sar qbil li ser jinghataw zewg opzjonijiet lill-Centru Parrokkjali li jew jaghzlu li jorganizzaw is-Summer Club bil-koperazzjoni tal-Kunsill ghall-ammont ta' €600.00 li fih ikun ukoll jinkludi performance waqt is-serata ta' Jum l-Gharb jew inkellha isiru korsijiet tal-Kompjuter.

Is-Sindku issugerixxa li ghal din is-sena Jum l-Gharb ghandu jigi organizzat b'mod differenti minn tas-soltu. Shirley Anne Cecchini qalet li fl-opinjoni taghha pero' ghandu jsir barra ghax in-nies iktar jippreferu li jsir fil-pjazza milli fil-maghluq. Emanuel Muscat isugerixxa li jista' jsir fil-Pjazzetta ta' fejn ic-Centru Parrokkjali pero' s-Sindku qal li irid jigi identifikat l-ewwel jek hux ser jiccaqlaq il-Monument ta' l-Isqof M. Molina minhabba l-Monument ta' l-Isqof N.J. Cauchi.

Emanuel Muscat qal ukoll li qeghda tkun problema ukoll ghall-fatt li dan jigi organizzat fil-gurnata u mhux nar ta' Sibt jew Hadd li jkun jista' jattira aktar persuni.

5.5 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-
PC0014/14 – Is-Sindku spjega li l-Kunsill gie infurmat li qeghda terga issir l-istess applikazzjoni li kienet saret fil-kaz ta' PC0026/13. Giet spjegat li l-korrispondenza intbghatet lill-Avukat li kien inkarigat mill-kaz precedentament sabiex issir in-no objection.
Applikazzjoni ghal permess ta' PA1270/14
PA2187/12 – Approvazzjoni tal-Minor Amendment tal-Knisja taz-Zejt

5.6 Minghand Agenzija ghall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fejn il-Kunsill gie infurmat li l-kuntratt tal-Kunsill kien ser jaghlaq fl-ahhar ta' Gunju, 2014.

5.7 Minghand il-Kummissarju tat-tfal fejn il-Kunsill gie iffirmat dwar korsijiet Right 4 U li ser jikgu organizzati.

5.8 Minghand DataByte dwar programm sabiex jinhadmu s-salarji.

5.9 Carmen Vella qalet li Fr. Gerald Buhagiar talab sabiex isir id-dawl tal-Knisja ta' Pinu.

**8.0 Aggornament**

2.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 11 ta' Gunju, 2014.

2.2 Il-laqgha spiccat hin 6.00pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv